CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

It- Tnejn, 24 ta' Frar 2020

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Mary Ann sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Joseph Debono- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.18pm.

**10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

10.1.1 Il- Viċi Sindku, Is- Sur Joseph Debon infurma li- SE li ma setatx jattendi minħabba li kien indisposta. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

**10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

10.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tad- Disa' Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

10.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li x-xogħol ta' manutenzjoni fuq Casino Notabile miexi ġmielu u wasalna fl-aħħar fazi ta' dawn ix-xogħolijiet. Huwa qal li hemm previst li x-xogħolijiet jitlestew sa l-aħħar ta' Marzu.

10.3.2 Is- Sindku talab li r-rizoluzzjoni li kien għadda waqt Laqgħa Nru.6 nhar l-Erbgħa 6 ta' Novembru 2019 fejn ġiet adottata policy ta' kif ser jibdew joperaw il-karozzini ġewwa l-Mdina skond il-qafas legali tal-Bye -Law li tirregolarizza dawn il-karozzini tidħol fis-seħħ. Għaldaqstant talab lis-SE biex isejjaħ laqgħa għal dawk l-operaturi li jaħdmu fl-Mdina fejn tiġi spjegata kif ser taħdem din il-Bye-Law.

10.3.3 Is- Sindku infurma lill- Kunsill li ser issir laqgħa mal-Ministru Tat- Turizmu fejn ser jiġu diskussi temi li jolqtu is-settur turistiku fejn jidħol l-influss tat-turisti ġewwa l-Mdina u kif b'mod ħolistiku jistgħu isiru interventi mill-Gvern Ċentrali għat-tisbieħ tal-lokalita'

10.3.4 Is- Sindku ressaq kwotazzjoni li jammonta għal € 4956 mill-perit tal-Kunsill biex isiru l-istudji neċessarji fuq l-istat tal-pavimentar ġewwa l-Mdina ħalli jiġi pprezentat lill- Infrastructure Malta għall-kunsiderazzjoni u possibbilment li jsir manutenzjoni tiegħu mill-istess direttorat. Il-Kunsill approva. Fuq nota oħra xtaq jirringrazzja pubblikament lid- Direttorat tar- Restawr li tawna soft copy tal-pjanti ezistenti tal-pavimentar u b'hekk il-Kunsill iffranka ħafna flus.

10.3.5 Is- Sindku talab lis- SE biex jibgħat Reminder lid- Dipartiment għal- Gvern lokali fir-rigward tat-talba tagħna għal Twinning li kienet saret aktar minn sena ilu.

**10.4 Approvazzjoni tar- Rapport Finanzjarju għas-sena 2019**

10.4.1 Ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2019 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuz). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Prezenti kien hemm l-accountant tal-Kunsill

10.4.2 Ingħatat spjegazzjoni fuq dan id-dokument u qed jipproponi għall-approvazzjoni.

10.4.3 Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2019 ġie approvat unanimament.

**10.5 Approvazzjoni tar- Rapport Finanzjarju minn Ottubru sa Diċembru 2019**

10.5.1 Is-SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra għal approvazzjoni ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur minn Ottubru sa Diċembru 2019. Kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel l-laqgħa.

10.5.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw ir-rapport finanzjarju biex juru li huwa dokument korrett.

**10.6 Pjan ta' Ħidma 2020 sa 2024**

10.6.1 Il-Pjan ta' Ħidma 2020-2024 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (meħmuż). Kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

10.6.2 Dan il-pjan tressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill fejn dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**10.7 Playground Howard Gardens- Fondi DPF (Planning Authority)- Approvazzjoni**

10.7.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapport imħejji mill-perit tal-Kunsill fejn fiha kien hemm inkluz stima ta' kemm ser jiġi jiswa' dan il-proġett li jammonta għas-somma ta' € 33,804.05. Is-Segretarju fakkar li dan il-proġett ser jigi ffinanzjat b'fondi mill-Awtorita' ta' L-Ippjanar (Development Planning Fund fejn ser jingħataw 70% tal-progett u l-kumplament tas- somma finali tinħareġ mill-Kunsill.

10.7.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport u talab lis- Segretarju biex jibda' l-proċess ta' applikazzjoni.

**10.8 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

10.8.1 Regjun Tramuntana- Ir- Reġjun infuma lill-Kunsill li l-kwistjoni tas- CCTV camera li hemm barra l-Mdina ser tiġi solvuta billi l-kont jinqasam bejn Il-Kunsill ta' l-Mdina, Regjun Tramuntana, Guard and Warden u l-LESA. La darba jitħallas il-kont, l-applikazzjoni ser tiġi trasferita għand il-LESA.

10.8.2 MTA- talba lill-Kunsill biex crew tar- RAI jieġdu xi filmati għal Programm Paese Che Vai

## 10.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

10.9.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-24 ta' Frar 2020, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 32,240.50

10.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Maryann Sultana li kienet issekondata mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

## 10.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

10.10.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-17.42pm u ġiet aġġornata għal-23 ta' Marzu 2019 fit-3pm

IFFIRMATA
___________
Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA
___________
Mark Mallia
Segretarju Eżekuttiv

Data: 23-03-2020________